# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 915/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Keane Gafa**

Illum 15 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Keane Gafa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 370903(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar id-29 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' bejn it-03:00hrs u s-06:00hrs ġewwa Żabbar:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Hayley Mizzi (is-sieħba preżenti jew ta' qabel) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Hayley Mizzi u ċioè ferita ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. Paul Sciortino

u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 221(1), 222(1)(a) u 222A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna lil Hayley Mizzi (is-sieħba preżenti jew ta' qabel) biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u dan bi ksur ta' Artikoli 251(3), 251H u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Hayley Mizzi jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

nhar it-8 ta' Novembru 2023 għall-ħabta ta' 14:00hrs ġewwa d-Depot tal-Pulizija:

4. attakka jew irreżista bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè lil PC 27 Alan Zahra, PC 123 Rodrick Vassallo, u PS 408 Mark Schembri u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, f'diversi ħinijiet, ġewwa diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer Maltin:

5. naqas milli jħares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali b'digriet maħruġ nhar l-04 ta' Novembru 2018 ippreseduta mill-Maġistrat Dr. G. Vella LL.D. li bihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest;

6. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu recidiv b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula u dan bi ksur ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba illi tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u/jew tordna illi s-somma marbuta jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra l-imputat a benefiċċju ta' Hayley Mizzi, PC 27 Alan Zahra, PC 123 Rodrick Vassallo u PS 408 Mark Schembri u dan *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex toħroġ Ordni ta' Trattament *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalmenti, il-Qorti ġiet mituba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Hayley Mizzi, PC 27 Alan Zerafa, PC 123 Rodrick Vassallo u PS 408 Mark Schembri kif jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika Artikoli 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 49, 50, 96, 214, 215, 222(1)(a), 222A(7), 251(3), 251H, 251HA, 339(1)(e), 533, 578 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu minnha;

- sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' sentejn priġunerija kif ukoll għal ħlas ta' multa fl-ammont ta' ħames mitt Euro (€500);

- *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data tas-sentenza u dana skont il-kundizzjonijiet annessi mas-sentenza;

- fid-dawl tal-ksur tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Qorti ordnat r-revoka tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella li ġew imposti fuqu nhar l-4 ta' Novembru 2018 u konsegwentement ġie ordnat ir-riarrest tal-imputat kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija u depożitu rimanenti li ġew imposti fuq l-istess imputat;

- fir-rigward tal-ispejjeż peritali inkorsi *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma applikatx dan l-artikolu fil-konfront tal-imputat peress li qieset li dawn l-ispejjeż ma jidhrux li ġew inkorsi f'din il-kawża;

- il-Qorti ddikjarat li spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat u qieset li kkonferma li fehem l-istess.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Marzu 2025, per Maġistrat Lara Lanfranco, u dan billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tielet u s-sitt akkuża, u fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża u tal-ħames akkuża, u tiddikjara li t-tieni akkuża hija komrpriza u nvoluta fl-ewwel akkuża u tiddikjarah mhux ħati tar-raba' akkuża u konsegwentament tvarja l-piena erogata billi tipprovdi għal waħda aktar mita u idonja fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-23 ta' Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-20 ta' Mejju 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw każ ta' vjolenza domestika fejn l-appellant u l-*parte civile* Hayley Mizzi kienu f'relazzjoni. Jidher li l-appellant, allegatament, kien sawwat lill-*parte civile*. Minħabba din l-allegata mġieba da parte tal-appellant, il-*parte civile* għamlet rapport għand il-Pulizija. Waqt li kienu qed jinstemgħu l-proċeduri kontra l-appellant, il-*parte civile* talbet li fil-konfront tagħha jinħareġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-appellant u saħansitra aktar tard irtirat ukoll din it-talba. Il-*parte civile* għamlitha ċara li ma kinitx ix-xewqa tagħha li l-appellant jingħata piena ta' priġunerija effettiva.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-

> Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellant tittenta tressaq aggravju abbażi ta' Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li fi kliem il-konsulent legali in kwistjoni ma tressaqx fir-Rikors tal-appell. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Bugeja** (Numru 3/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Issa hu paċifiku fil-ġurisprudenza li mhux permissibbli li mal-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell jiżdiedu aggravju ġodda li ma jkunux issemmew fir-rikors tal-appell. Dan għaliex kif ġie ritenut il-Qorti ma tistax tikkonsidra difiżi li ma ġewx espressament imqajjma bħala aggravji fir-rikors tal-appell. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Nicholas Debono"** [30.9.1994] u oħrajn)."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat peress li taqbel miegħu.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu. Għal kull buon fini jingħad li l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell ma ġewx enumerati b'dan illi kien kemnxejn diffiċli għal din il-Qorti li tissepara wieħed minn ieħor. Minkejja dan, din il-Qorti ser tieħu ħsieb li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak kollu lamentat mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-provi u kif ukoll tad-dritt. Hawnhekk l-appellant isemmi s-segwenti ilmenti:

- Jgħid li l-Ewwel Qorti kkontradiet lilha nnifisiha fis-sentenza appellata. Jispjega li l-Ewwel Qorti qalet li hu kellu jinstab ħati taħt Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-*proviso* u dan minħabba li huwa rreka biża' li ser tintuża vjolenza liema vjolenza fil-fatt intużat. Jargumenta li kieku l-Ewwel Qorti kienet korretta f'din l-osservazzjoni hija kienet tqis li l-ewwel (1) imputazzjoni bħala kompriża u assorbita fit-tieni (2) imputazzjoni. Jgħid dan minħabba li l-Ewwel Qorti qieset li weħel piena akbar minħabba li laħaq l-għan tiegħu meta għamel offiża fuq il-persuna tal-*parte civile*. Jgħid li Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi interpretat fil-kuntest ta' Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-għan tal-aggressjoni trid tkun taqa' f'dak li jgħid Artikolu 251(1) tal-Kapitolu msemmi. Jisħaq li s-sub-Artikolu ma jsemmix li l-għan jista' jkun li jitwettqu ġrieħi fuq persuna oħra. Għalhekk jisħaq li messu nstab ħati taħt Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr il-*proviso*.

- Jargumenta li t-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni minħabba li meta huwa kkawża biża' fil-*parte civile* li ser tintuża vjolenza fuqha, attwalment il-vjolenza immaterjalizzat.

- Jisħaq li l-ewwel (1) imputazzjoni titratta feriti ta' natura ħafifa. Jispjega li fid-difiża tiegħu huwa għamel riferenza għal Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jenfasizza li mill-ewwel darba li xehdet il-*parte civile* hija qalet li xtaqet twaqqaf il-proċeduri u li ma riditx tarah (lill-appellant) il-ħabs. Jisħaq li l-*parte civile* xtaqet Ordni ta' Trażżin b'dan illi l-Ewwel Qorti talbet sabiex tisma' x-xiehda tal-*parte civile* u dana sabiex tkun tista' tevalwa jekk hemmx il-ħtieġa ta' Ordni ta' Protezzjoni. Huwa jirreferi għal dak li qalet l-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Sherona Buhagiar fejn qalet li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni dak li tixtieq il-*parte civile*. Ikompli li l-Ewwel Qorti qalet li ser tieħu x-xewqat tal-*parte civile* in konsiderazzjoni u jirreferi għax-xiehda tagħha tal-5 ta' Jannar 2024 fejn din id-darba qalet li lanqas l-Ordni ta' Protezzjoni ma riedet u dana peress li xtaqet tkompli r-relazzjoni miegħu. Ikompli li minħabba li l-*parte civile* qatt ma riedet tixhed u qatt ma xtaqet li hu (l-appellant) imur il-ħabs, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta ma abbraċjatx it-teżi tad-difiża li l-ġrieħi kienu ta' importanza żgħira minħabba l-aspett morali. Jilmenta li mhux ċar dak li riedet tgħid bih l-Ewwel Qorti fuq dan l-aspett. Jgħid li l-Ewwel Qorti donnha tagħti x'tifhem li d-difiża ssostni li l-ġrieħi ħfief huma ta' konsegwenza żgħira minħabba l-fatt li l-*parte civile* ħafret lilu u xtaqet tirrinunzja għal dawn il-proċeduri. Jisħaq li l-Qorti emfasizzat li minkejja l-portata tal-ġrieħi mill-aspett fiżiku kellha tikkunsidra wkoll l-aspett morali tal-akkadut.

  Huwa jispjega kif il-feriti rappurtati kienu ta' natura ħafifa u li dan il-fatt ried jiġi evalwat mill-Ewwel Qorti. Ikompli li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta warrbet ix-xewqat tal-*parte civile* meta ġiet biex tikkunsidra l-aspett morali tar-reat. Jgħid li r-riżultanzi mediċi għandhom jiġu minimizzati mhux biss minħabba r-rinunzja iżda wkoll fejn il-feriti jkunu ta' ftit konsegwenza u jħallu ftit riperkussjonijiet u fejn il-Qorti tkun tista' tikkundanna l-ħati għal piena ta' kontravenzjonijiet.

- L-appellant jispjega li r-raba' (4) imputazzjoni tirrikjedi li jiġu ppruvati żewġ elementi. L-appellant jgħid li ma għandux rimarki x'jagħmel rigward l-element li jrid ikun hemm prova li l-Pulizija tkun qegħda teżerċita l-funzjoni tagħha waqt il-kummissjoni tad-delitt. Rigward l-element l-ieħor ossia li minbarra theddid jew reżistenza jrid jkun hemm l-att ta' vjolenza proprja kommessa fuq l-uffiċjal tal-Pulizija, l-appellant jgħid li huwa ġie mkaxkar minn saqajh u ma ttantax jigdem lill-Pulizija iżda hedded li jagħmel hekk. Jgħid li dak li jgħid dwar dan PC 27, jiġi merut min PS 408 u PC 123 li jgħidu li qatt ma rawh (lill-appellant) jipprova jigdem lill-uffiċjal in kwistjoni.

Illi rigward l-ilmenti msemmija mill-appellant u li ġew elenkati hawn fuq, din il-Qorti ser tibda b'dak li qal l-appellant meta jgħid li t-tieni (2) imputazzjoni kellha tiġi assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni. Dwar dan, din il-Qorti tibda billi tirrimarka li fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti semmiet, fost l-oħrajn, Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset li kien hemm assorbiment tal-piena. Dan ma jfissirx li l-appellant kellu jeħel biss il-piena tal-aktar reat gravi għax fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-assorbiment seta' japplika *ai termini* ta' Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis*** (Numru 466/2022), fejn dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti tgħid illi jekk l-ewwel erba' imputazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala reat wieħed, jibqa' għalhekk il-ħames imputazzjoni biss. U għalhekk totalita' ta' żewġ reati. Mill-qari tal-artikolu suċitat jidher illi jrid ikun hemm *'**żewġ reati jew iżjed**, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, **iservu bħala mezz biex <u>isir reat ieħor</u>**'*. Għalhekk isegwi illi stante li fil-kumparixxi insibu biss żewġ reati, l-Artikolu 17(h) ma

jistax jiġi applikat għaliex sabiex dan jiġi applikat jeħtieġ li jkun hemm tlett reati jew aktar."

Illi f'dan il-każ qed nitkellmu fuq l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni b'dana illi Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni għalihom. Apparti minn dan, għal kull buon fini għandu jingħad li l-assorbiment tal-piena japplika biss fir-rigward tal-piena u ma japplikax fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija!

Illi rigward l-applikabilita' ta' Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod partikolari fejn l-appellant jispjega li l-għan tas-subartikolu (3) irid joħroġ mis-subartikolu (1) tal-istess Artikolu, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li jipprovdu ż-żewġ sub-Artikoli. Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

"(1) Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Jekk il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.

(3) Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn:

> Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari ta' Artikoli 251(1) u 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-iskop taż-żewġ sub-Artikoli huwa differenti. Dan joħroġ aktar ċar minn qari ta' Artikolu 251(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minn qari tal-*proviso* ta' Artikolu 251(3) tal-istess Kapitolu li għandhom l-istess skop, b'dana illi t-tnejn japplikaw fil-każ fejn il-ħati jilħaq l-għan espress fir-rispettivi artikoli li għalih issir riferenza.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mod ta' kif Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa mfassal juri li japplika mingħajr ma' huwa marbut ma' Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan anke kieku l-appellant għandu raġun, l-iskop tal-applikabilita' ta' Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiġix eżawrit mid-deskrizzjoni ta' atti li hemm imsemmija fl-istess sub-artikolu. Din il-Qorti tgħid dan peress li l-leġislatur juża l-kelma *"inkluż"* li minnha nnifisha ma teskludix vjolenza fiżika li tista' tirriżulta jew ma tirriżultax fi ġrieħi.

Illi għalhekk l-appellant ma għandux raġun jgħid li l-iskop ta' Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jkun marbut maċ-ċirkostanzi mniżżla taħt Artikolu 251(1) tal-istess Kapitolu.

Illi l-appellant mhuwiex korrett meta jgħid li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni dak li riedet il-*parte civile*. Dan qiegħed jingħad peress li kemm fil-korp tas-sentenza appellata kif ukoll meta l-Ewwel Qorti ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena jidher biċ-ċar li hija kienet qiegħda tieħu in konsiderazzjoni x-xewqat tal-*parte civile*. In fatti qabel waslet għad-*decide* tagħha, l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellate (*a fol.* 175):

> "Evidentement il-Qorti trid tipprova toħloq bilanċ bejn dak mistħoqq mid-difiża, il-ġurisprudenza nostrana kif

> ukoll ix-xewqat tal-<u>*parte civile*</u>. Huwa ċar ukoll illi din mhijiex l-ewwel darba illi l-imputat xellef dufrejgħ mal-ġustizzja fejn jidher ukoll mill-fedina penali tiegħu illi hu …". [emfażi miżjuda]

Illi rigward il-fatt li l-*parte civile* ma riditx tixhed, din il-Qorti tinnota li fil-bidu tax-xiehda tagħha l-*parte civile* esprimiet tali xewqa iżda, sussegwentement għaddiet biex spjegat il-fatti li mingħajrhom ma setgħetx tikseb l-Ordni ta' Protezzjoni li riedet. Apparti minn dan, kienet hija li talbet sabiex tixhed u meta xehdet it-tieni darba hija qalet li lanqas dan l-Ordni ma riedet. Iżda r-reat in kwistjoni mhux tali li seta' jieqaf bir-rinunzja tal-*parte civile*. Lanqas wieħed jista' jinjora l-fatt li r-reat seħħ fid-29 ta' Ottubru 2023 waqt li l-ewwel eżami fiżiku tal-*parte civile* seħħ fis-7 ta' Novembru 2023 (Dok. "SB 5" – *a fol.*19). Minkejja t-trapass ta' dan iż-żmien, ir-riżultati tal-aggressjoni kienu xorta għadhom viżibbli fuq il-persuna tal-*parte civile*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt jimmilita kontra l-appellant meta din il-Qorti tiġi biex tqis is-severita' tal-aggressjoni. Minbarra dan, fi kliem il-*parte civile* hija kienet tibża mill-appellant b'mod dan li jwassal lil din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta din qalet li ma setgħetx tikkunsidra din l-aggressjoni ta' "importanza żgħira". Dwar dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, meta kkunsidrat li l-aggressjoni tant kienet serja li għal xi żmien il-*parte civile* talbet il-protezzjoni tal-Qorti. Wieħed ma jitlobx il-protezzjoni tal-Qorti jekk ma jkunx jaħseb li huwa f'sitwazzjoni ta' periklu!

Illi fir-rigward ta' dak imsemmi mill-appellant fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, din il-Qorti tibda billi tirreferi għal dak li kien jgħid Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fid-data li ssir riferenza għaliha fl-imputazzjonijiet fejn kien jaqra hekk:

> "Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –

> (a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000);
>
> […]."

Illi permezz ta' Att Numru IV tal-2025, Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie jaqra hekk:

> "Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra xi persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, inklużi uffiċjal pubbliku u impjegat pubbliku kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, fil-waqt li jkunu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, għandu jeħel meta jinstab ħati:
>
> (a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn persuna waħda (1) jew żewġ (2) persuni, il-piena ta' priġunerija minn sena (1) sa erba' (4) snin u multa ta' mhux inqas minn sitt elef euro (€6,000) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000);
>
> […]."

Illi peress li bil-mod kif issa ġie jaqra Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa aktar iebes b'hekk għandha tapplika l-verżjoni li kienet in vigore fid-data meta seħħ ir-reat. Apparti minn dan, ma hemmx dubju li l-Pulizija in kwistjoni f'dan il-każ kienu uffiċjali pubbliċi li kienu qegħdin iwettqu dmirijiethom. Rigward l-element l-ieħor rikjest għal dan ir-reat, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Camilleri** (Numru 107/2012), fejn din il-Qorti diversament preseduta ċitat sentenza oħra u qalet hekk:

"Dwar l-elementi tal-artikolu 96, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm, fost affarijiet oħra, u bħala minimu, xi forma ta' forza illeġittima diretta lejn il-persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza tiġi eżerċitata jrid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita' li jikkaġuna xi ħsara lill-persuna tal-uffiċjal pubbliku, żgħira kemm hi żgħira din il-ħsara, anke jekk bħala fatt u fil-fatt konkret ebda ħsara ma tiġi kkaġunata, **u anke jekk l-aġent ma jkollu l-ebda intenzjoni li jikkaġuna tali ħsara:** hekk, per eżempju, ikun il-każ ta' min sempliċement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-uffiċjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah, jew ta' min jibda jitħabat meta jkun f'idejn l-uffiċjal pubbliku, propju biex jeħles minn idejh. Biex ikun hemm dan ir-reat l-aġent irid mhux biss attakka (*il fatto di prendere l'offensiva*) jew irreżista (*il fatto di prendere la difensiva*) lill-uffiċjal pubbliku, iżda li tali attakk jew reżistenza tkun ġiet magħmula permezz ta' vjolenza jew ħebb (*vie di fatto*). Mhux biżżejjed għalhekk attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, inġurjuż jew minatorju (tali kliem jista' naturalment jammonta għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali). Anqas ma hi biżżejjed, għall-finijiet tal-artikolu 96 is-sempliċi reżistenza passiva (ez. li wieħed ma jiftaħx il-bieb jew li jintelaq mal-art) jew l-użu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta' oġġett, b'mod pero', li dik il-forza ma tkunx tista' direttament jew indirettament, tikkaġuna xi ħsara lill-uffiċjal pubbliku (eż, wieħed jagħti bil-ponn fuq

> vettura biex ibeżża' lill-uffiċjal pubbliku, għalkemm f'dan il-każ jista' jikkonfigura reat ieħor). Differenti hu l-każ ta' min, biex jirreżisti arrest, iwaddab xi oġġetti fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku, għax f'dak il-każ, għalkemm ma jkunx hemm kuntatt fiżiku bejn l-aġent u l-uffiċjal pubbliku, ikun hemm forza illeġittima li tkun qed tiġi diretta lejn il-persuna u permezz ta' att li għandu l-potenzjalita' li jikkaġuna ħsara lill-persuna."[1]"

Illi għalkemm mix-xhieda mressqa kien biss PC 27 Alan Zahra li waqt ix-xiehda minnu mogħtija (*a fol.* 134 *et seq.*) qal li l-appellant ipprova jigdmu mentri x-xhieda l-oħra ma semmew xejn, din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni milli tiddubita dak li xehed PC 27 Alan Zahra. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-appellant kien qed jirreżisti lill-Pulizija u tant kien feroċi fir-reżistenza tiegħu li kien hemm bżonn tliet Pulizija sabiex iniżżluh isfel. Dan minnu nnifsu jfisser li kien hemm element ta' kommozzjoni b'dana li kull Pulizija waqt li kienu qed iġorru l-appellant kellu joqgħod attent għal dak li qed jagħmel sabiex la jweġġa hu u lanqas iweġġa lill-appellant. B'hekk, kellha raġun l-Ewwel Qorti li tasal għal konklużjoni li waslet fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat.

Illi għaldaqstant isegwi li l-ilmenti kollha mressqa mill-appellant fl-aggravju in eżami qed jigu kollha kemm huma miċħuda bil-konsegwenza li dan l-aggravju qed jiġi miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li din il-piena hija waħda eċċessiva mhux biss minħabba li hu jikkontendi li huwa ma kellux jinstab ħati bil-mod ta' kif

---

[1] "**Il-Pulizija vs. Stephen Borg** 26 ta' Jannar 1999 Vol. LXXXIII Part IV paġ. 165."

ikkonkludiet l-Ewwel Qorti kif spjega aktar 'il fuq fir-Rikors tal-appell tiegħu, pero' minħabba li f'kawżi ta' din ix-xorta ix-xewqat tal-*parte civile* messhom jingħataw aktar importanza. Jisħaq li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li kienet ser iżżomm bilanċ f'dan ir-rigward, pero' jgħid li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li bħala Qorti ta' reviżjoni hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fejn il-piena erogata minn din tal-aħħar taqa' fil-parametri tal-liġi. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Frar 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Borg** (Numru 442/2009), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi dan l-appell hu limitat għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w, kif dejjem ġie ritenut, din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esagerata. (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999], **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u oħrajn). Ċertament li l-piena ta' ġimgħatejn detenzjoni taqa' entro l-parametri tal-liġi fejn fil-massimu tagħha tista' anki tlaħħaq sa xahrejn detenzjoni."

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ġie ċitat hawn fuq u b'żieda wkoll ma' dak li ngħad preċedentement f'din is-sentenza fejn din il-Qorti għamlet riferenza għal dak li ngħad mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qabel waslet għad-*decide* tagħha fejn qalet li trid toħloq bilanċ bejn dak mistħoqq mid-difiża, il-ġurisprudenza nostrana kif ukoll ix-xewqat tal-*parte civile*, din il-Qorti tinnota wkoll li minn analiżi tal-piena erogata fis-sentenza appellata jirriżulta ampjament ċar li din il-piena hija baxxa. Jidher li l-Ewwel Qorti ma kinitx konvinta li l-appellant kien fi stat fejn huwa seta' jobdi kundizzjonijiet li setgħu jiġu mposti fuqu. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma għandhiex elementi quddiemha li

jmeru din l-analiżi. Apparti minn dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Settembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sayfedine Bonavia** (Numru 758/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**[2] fejn ingħad li:-
>
> > "kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna għandha, bħala regola, iġġib magħha piena restrittiva tal-libertà tal-persuna b'effett immedjat. Soċjeta' ċivili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, għax taqbizlu ċ-ċinga, jew għax jidhirlu li għandu lment kontra ħaddieħor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt ġustifikat) jaħbat iħebb jew isawwat lil dak il-ħaddieħor. F'dan il-każ din il-Qorti ma tarax alternattiva għal piena karċerarja.""

Illi f'dan il-każ l-appellant kien jerfa jdejh fuq il-*parte civile* u din il-Qorti ma tarax li għandha turi klemenza ulterjuri ma' din it-tip ta' imġieba, liema mġieba mhijiex aċċettabbli fl-ebda mod u dana minkejja x-xewqat stess tal-*parte civile.* B'hekk l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Keane Gafa u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

[2] "Deċiża nhar id-9 ta' Settembru, 2002 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali."